# Tribunal Industrijali

# Deċiżjoni Numru 3155

**KAŻ NRU: 4040/22/AM**

**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol**

**bejn**

**George Attard (I.D. 757656M)**

**u**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

*dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip. Tax (MIT)**

Illum il-Gimgha 13 ta' Frar, 2026

It-Tribunal,

Dan huwa kaz fejn ir-rikorrent qed jallega li sab diskriminazzjoni fil-konfront tieghu meta ma nghatax iz-zidiet bhal ma nghataw lill-impjegati ohra fl-istess grad tieghu ta' Senior Manager.

Li r-rikorrent fir-rikors promotur jikkontendi li huwa kien fuq impjieg definit tat-30 ta' Settembru 2010 bhala Senior Manager (Finance) mall-Awtorita' Ntimata; li l-impjieg tieghu sar indefinit permezz ta' ittra tat-22 ta' Jannar 2013 mill-istess Awtorita'; li huwa ttermina l-impjieg tieghu fis-17 ta' Novembru 2021 meta hu lahaq l-eta' tal-irtirar; li meta kien impjegat mall-Awtorita' rrizulta li certu mpjegati tal-Awtorita' fl-istess grad tieghu ta' Senior Manager kienu qed jaqilghu paga aktar gholja minn tieghu u mpjegati ohra fi grad anqas minn tieghu mall-istess Awtorita' li kienu fi grad ta' Manager kienu qed jaqilghu paga daqs jew aktar gholja minn tieghu u li varji Senior Managers kienu nghataw zidiet fis-salarju matul is-snin liema zidiet huwa ma gawdix minnhom.

Li skond ir-rikorrent dan huwa bi ksur tal-principju ta' equal pay for work of equal value u tal-Artikolu 26 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

A fol 20 fir-risposta taghha l-Awtorita' Ntimata teccepixxi li l-azzjoni hija perenta bid-dekors tal-perjodu ta' erba' (4) xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat u dan a tenur tal-Artikolu 75(3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; li l-proceduri nbnew meta r-rikorrent ma kienx ghadu mpjegat mall-Awtorita' Ntimata u ghalhekk ma kellux id-dritt li jintavola dawn il-proceduri quddiem dan it-Tribunal; li l-Awtorita' ma wettqet ebda trattament diskrminatorju fl-ebda sens u fis-sens previst fl-Artikolu 26(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas fis-sent tal-Artikolu 27 tal-istess Kap; li ma saret ebda diskriminazzjoni mar-rikorrent u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

A fol 21 fid-Dikjarazzjoni tal-kaz taghha l-Awtorita' tispjega li r-rikorrent veru li nghata status indefinit ta' Senior Manager (Finance) b'ittra tat-22 ta' Jannar 2013 bl-istess dmirijiet stipulat fil-kuntratt ta' mpjieg u li l-ewwel huwa kien stazzjonat fil-Land Transport Directorate bhala Senior Manager (Project) b'Job Description kbir; imbaghad fis-sena 2015 huwa ccaqlaq ghal RID u fis-sena 2018 iccaqlaq ghal MNEP taht it-tmexxija ta' Peter Paul Barbara u mis-17 ta' Novembru 2020 huwa nghata l-kariga ta' Senior Manager fil-Corporate Services Directorate – Port Workers Account Office fejn baqa' stazzjonat sakemm l-impjieg tieghu spicca billi lahaq l-eta' pensjonabbli fis-16 ta' Novembru 2021; li r-rikorrent kemm dam impjegat mall-Awtorita' qajla refa' responsabilitajiet ta' Senior Manager minkejja n-nomenklata u s-salarju li baqa' jgawdi li dejjem thallas skond il-kuntratt flimkien maz-zidiet tal-Cola u x-xoghol li zvolja kien iktar wiehed ta' natura klerikali milli ta' Senior Manager. Li l-Awtorita' ma wettqet ebda ksur tal-principju ta' equal pay for work of equal value u ma wettqet ebda diskriminazzjoni mar-rikorrent.

**<u>Dwar iz-zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari</u>**

Illi dawn iz-zewg eccezzjoijiet ta' natura preliminari sollevati mill-Awtorita' Ntimata gew irtirati mill-istess Awtorita' kif ser jigi spjegat.

**L-Ewwel Eccezzjoni**

L-Awtorita' qed teccepixxi li r-rikors tar-rikorrent sar wara li skadew l-erba' xhur mill-ksur allegat.

Din l-eccezzjoni giet irtirata mill-Awtorita' Ntimata permezz ta' nota a fol 42 izda zammet ferm it-tieni eccezzjoni.

**It-Tieni Eccezzjoni**

It-tieni eccezzjoni tal-Awtorita' hija li dan it-Tribunal a tenur tal-Artikolu 75(3) tal-Kap 452 ma ghandux gurisdizzjoni li jisma' dan il-kaz stante li meta nbdew dawn il-proceduri r-rikorrent ma kienx ghadu mpjegat mall-Awtorita' Ntimata.

A fol 49 l-Awtorita' rtirat din it-tieni eccezzjoni.

Il-provi dwar din it-tieni eccezzjoni dan it-Tribunal ser jikkunsidrahom bhala provi dwar il-mertu, dawn kienu:

L-Awtorita' bhala provi ressqet l-affidavit ta' Deborah Scifo, Executive Human Resources fi hdan l-istess Awtorita' fejn ikkonfermat li r-rikorrent hareg bil-pensjoni fis-16 ta' Novembru 2021 u li ghalhekk din il-kawza nfethet meta r-rikorrent ma kienx ghadu mpjegat tal-Awtorita'; u li huwa fl-erba' xhur ta' qabel ma huwa fetah din il-kawza ma sehh ebda fatt u ma kien hemm ebda zvilupp gdid li abbazi tieghu r-rikorrent jista' jilmenta li gie diskriminat.

A fol 28 ir-rikorrent permezz tal-Avukat tieghu ddikjara li jaqbel li meta gew intavolati dawn il-proceduri fis-7 ta' Frar 2022 huwa ma kienx ghadu mpjegat mall-Awtorita' Ntimata.

A fol 30 l-Awtorita' permezz ta' nota ddikjaraw li l-erba' xhur bdew jiddekorru mit-23 ta' Frar 2018 id-data li fiha gie ffirmat l-ahhar Ftehim Kollettiv ghall-klassijiet ta' mpjieg ta' persuni mpjegati mall-Awtorita' Ntimata li jincidu fuq il-posizzjoni ta' persuni li bhar-rikorrent kienu jokkupaw il-kariga ta' Senior Manager.

A fol 31 l-Avukat tar-rikorrent tikkontendi li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn meta huwa waqaf mix-xoghol u li din hija kwistjoni ta' offiza kontinwa u ghalhekk ma tiddekorrix il-preskrizzjoni qabel ma tieqaf l-offiza.

A fol 33 ir-rikorrent xehed li l-ftehim kollettiv kien japplika ghall-gradi ta' Manager li kien hemm diversi gradi ta' Manager A, B, C u D u Assistant Manager u li ma kienx japplika ghall-grad li huwa gie mpjegat fih fis-sena 2010. Kellu diversi laqghat mac-Chairman ta' dak iz-zmien dwar dan u c-Chairman kellu jara kif il-pagi tas-Senior Managers li ma kienux koperti bil-ftehim kollettiv setghu jizdiedu. Huwa skopra dan qabel ma rtira u kiteb lic-Chairman dwar dan fl-20 t'Ottubru 2021 u a fol 32 huwa pprezenta kopja ta' din l-ittra. Huwa ma giex infurmat biz-zjiedet li l-Awtorita' tat lis-Senior Managers. Huwa jghid li fil-25 t'Ottubru kellu laqgha mac-Chief Officer u qaltlu li dak li kiteb fl-ittra tal-20 ta' Jannar 2021 huwa kollu minnu u anke laqgha ma'  Maryrose Pace li offrielu zieda ta' elf ewro (Ewro 1000) fis-sena li tibda mis-sena 2021. Ghalih dan kien ifisser li l-Awtorita' qed taccetta l-ilment tieghu. Wara sar jaf li dan il-ftehim sigriet ta' elf ewro l-Awtorita' kienet qed taghmlu ma' Senior Managers ohra.

Huwa spjega li l-meeting mac-Chairman fis-sena 2019 kien dwar il-collective agreement li ma kien jghid xejn dwar il-grad ta' Senior Manager.

Huwa jghid li sar jaf li Senior Managers thallsu aktar minnu fil-25 t'Ottubru 2021. Huwa jghid li lis-Senior Managers l-ohra tawhom elf ewro ghal hames / sitt snin qabel mentri lilu riedu jaghtuhielu minn meta huwa klejmja.

In kontro-ezami r-rikorrent ikkonferma li qabel l-ittra tal-20 t'Ottubru 2021 huwa qatt ma baghat email lil hadd jikwerja dwar is-salarju tieghu u li mindu sar il-ftehim kollettiv huwa qatt ma mar isaqsi dwar zjiediet fil-paga tieghu ghax skond hu Senior Manager ma jaghmilx dan. Huwa kkonferma li dak kollu li ghandu fil-kuntratt ta' l-impjieg nghatalu.

A fol 39 overleaf l-Avukat tal-Awtorita' spjega li l-erba' xhur bdew jiddekorru minn meta r-rikorrent waqaf mix-xoghol.

A fol 46 xehdet Mary Rose Pace Chief Officer Corporate Services Transport Malta li kkonfermat li r-rkorrent spicca minn mall-Awtorita' fis-16 ta' Novembru 2021. Fl-affidavit tieghu a fol 57 et ir-rikorrent jghid li huwa kien impjegat b'kuntratt definit ta' 3 snin fi grad ta' Senior Manager Finanzi b'effett mill-4 t'Ottubru 2010; kien assenjat fid-Direttorat tat-Trasport tal-Art (LTD) u kien responsabbli mit-Taqsima tal-Licenzjar tas-Sewwieq u tal-Vetturi; li fit-22 ta' Jannar 2013 inghata status indefinit fl-istess kariga; fil-21 ta' Jannar 2014 sar Senior Manager Projects fi hdan LTD, fis-26 ta' Gunju 2015 ic-Chairman ta' dak iz-zmien is-Sur Piscopo talbu biex imur fid-Direttorat tat-Toroq u l-Infrastruttura (RID) sabiex jizviluppa u jzomm sistemi ta' nformazzjoni u rappurtar fl-RID, fis-sena 2018 gie assenjat fis-Sustainable Mobility Unit u fuq talba tieghu fit-18 ta' Settembru 2019 it-talba tieghu sabiex jestendi d-data tal-irtirar tieghu sal-eta' ta' 65 sena giet accettata; li f'Jannar 2020 huwa gie assenjat fil-Corporate Services Directorate Port Workers Accounts Office u u matul dawn l-inkarigi huwa dejjem zamm l-istess salarju u l-istess allowances. Huwa rtira f'Novembru 2021.

Salarju baziku kellu fis-sena 2010 kien ta' Ewro 34,000 meta beda u zdied ghal ewro 35,000 fi tmiem il-perjodu ta' probation. Kellu zidiet fil-Cola ghas-snin 2011 sa 2021 li jammontaw ghal Ewro 1497. Is-salarju baziku tieghu fis-sena 2021 kien ghalhekk Ewro 36, 497 u xejn zidiet ohra.

Huwa jghid li dejjem wettaq id-dmirijiet assenjati b'mod invarjabbli tant li fir-rapporti annwali ta' prestazzjoni dawn dejjem kienu tajbin hafna u matul is-snin ta' mpjieg tieghu ma' TM inghata bonus medju ta' prestazzjoni ta' 13% meta l-massimu huwa ta' 15%.

Kien meta wasal biex jirtira li beda jissuspetta li diversi Senior Managers fl-istess grad tieghu gawdew minn salarju baziku ahjar u dan mill-konversazzjonijiet li huwa kellu maghhom u li minn dawn il-konversazzjonijiet huwa kompla jissuspetta wkoll li whud kienu nghataw zieda annwali ta' Ewro 1000 fis-sena 2015 u u fis-sena ta'

wara ghal tlett snin. Huwa jghid li ghalhekk mis-sena 2015 sa 2021 huma nghataw Ewro 1000 fis-sena 2015, u tlett pagamenti ta' Ewro 1000 ghal kull sena mis-sena 2016 sas-sena 2021.

Li skond mistoqsija parlamentari li saret, l-informazzjoni moghtija kienet tghid li kien hemm 4 Senior Managers li kellhom basic pay bracket bejn ewro 35,000 u ewro 35,999; tnejn Ewro 36,000 sa 36,999, wiehed 37,000 sa ewro 37,999, tlieta 38,000 sa 38,999, tlieta 39,000 sa 39,999, sebgħa 40,000 sa 40,999, hamsa 41,000 sa 41,999, tnejn 42,000 sa 42,999, tnejn 43,000 sa 43,999, tlieta 44,000 sa 44,999 u wiehed 45,000 sa 45,999.

Is-salarju tieghu huwa dak bejn ewro 36,000 u ewro 36,999 u li kieku nghataw iz-zidiet ta' Ewro 3,000 is-salarju baziku tieghu kien ikun dak ta' Ewro 39,000 sa Ewro 39,999.

Huwa jispjega li t-tieni talba tieghu tirrigwarda l-ftehim kollettiv li sar bejn Transport Malta u l-UHM fit-23 ta' Frar 2018 ghall-perjodu 2016 sa 2020 li dahal fis-sehh fis-sena 2016 u li kien jirrigwarda biss Managers u li b'rizultat ta' dan il-ftehim kollettiv dawn hadu take home pay ugwali u f'xi kazijiet ghola minn dik ta' numru ta' Senior Managers.

Saru diversi laqghat biex tigi ndirizzata din l-anomali f'Gunju 2019 minn Senior Managers mac-Chairman tal-Awtorita' li dak iz-zmien kien is-Sur Bugeja izda xejn ma gie konkluz.

Din l-anomalija giet konfermata mill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' Jonathan Borg li nforma lis-Senior Managers li huwa mpenjat biex jirrevedi l-pakkett ta' rimunerazzjoni tas-Senior Managers li tmur lura ghall-1 ta' Jannar 2016. Huwa jsemmi li performance bonus tieghu dejjem kien ta' 13% tas-salarju baziku u li l-fatt li s-salarju baziku tieghu ma kienx rivedut dan kellu mpatt ukoll fuq l-ammont ta' bonus ta' prestazzjoni moghti kull sena.

Huwa jichad dak li qed tikkontendi l-Awtorita' li huwa bilkemm refa' r-responsabilitajiet ta' Sernior Manager u li x-xoghol li sar kien ta' natura klerikali u dan anke ghaliex il-fatti juru mod iehor – kuntratt tax-xoghol, li kien assenjat dmirijiet proporzjonati mall-grad attwali tieghu ta' Senior Manager; l-evalwazzjoni ta' 13% performance liema rapporti kienu kollha favorevoli; li l-Awtorita' estendiet l-eta' tal-irtirar minn 63 sena ghal sentejn ohra; ittra lit-Times tat-18 ta' Lulju 2012 li serviet ta' incentiv ghall-istaff tat-Taqsima u mmotivathom biex itejbu s-servizz li taw lill-klijenti.

Ir-rikorrent jghid li fl-20 t'Ottubru 2021 huwa kiteb lic-Chairman tal-Awtorita' s-Sur Bugeja jilmenta dwar dan u talab lill-Awtorita' biex thares lejn il-kaz tieghu u tiehu l-passi mehtiega biex tirrimedja s-sitwazzjoni mid-data meta nholqu dawn l-anomaliji. Fil-25 t'Ottubru 2021 is-Sinjura Pace Chief Officer Corporate Strategy ddikjarat li kienet qalet lic-Chairman li kull ma huwa kien qed jghid fl-ittra tieghu tal-20 t' Ottubru 2021 kien korrett u nfurmatu li c-Chairman kien lest li joffrilu zieda ta' ewro1000 u li skond ir-rikorrent dan jikkonferma li huwa kellu ragun. Ghalih l-offerta kienet insinifikanti u minn dan it-Tribunal qed jitlob rimedju gust.

Ra d-dokumenti esebiti mir-rikorrent mall-istess affidavit tieghu.

A fol 318 huwa prezenta **prospett tad-danni** li sofra li jammontaw ghal Ewro 63,052 bazati fuq Dok 302 esebit mill-Awtorita' Ntimata u spjega li dan jirrigwarda l-ewwel claim cioe' d-diskrepanza fil-pagi bejn dak li kien jaqla' r-rikorrent matul l-impjieg tieghu u dak li kienu jaqilghu Senior Managers ohra; t-tieni aspett tal-claim tieghu li tikkoncerna z-zieda li nghatat lill-Mangers ta' grad inqas minnu skond il-ftehim kollettiv tas-sena 2021 b'effett retroattiv ghas-sena 2013 huwa mhux f'posizzjoni li jikkwantifika t-telf li sofra abbazi tal-fatt li ma sarx dan l-aggustament fil-paga fil-konfront tieghu skont il-ftehim kollettiv in kwistjoni u rriserva d-dritt li jikkwantifika tali telf matul il-kors tal-kawza fil-kaz li s-socjeta' ntimata tonqos milli tonora l-obbligi taghha ta' hlas vis a vis ir-rikrorrent.

JIGI RILEVAT LI TALI PROSPETT MHUX IFFIRMAT U LANQAS DATA TA' META GIE PREZENTAT MA FIH GHALKEMM FIL-VERBAL TAS-SEDUTA TAS-7 TA' MARZU 2025 L-AVUKAT TAR-RIKORRENT OBBLIGAT RUHHA LI TIPPREZENTA PROSPETT TAD-DANNI BIL-VISTO TAL-KONTRO PARTI.

**A fol 321 in kontro-ezami r-rikorrent,** ir-rikorrent cahad li dwar it-tieni parti l-pagament li ha jircievi u li ghandu breakdown dettaljat tieghu huwa in full and final settlement tat-tieni parti.

Stante li l-pagament kien ghadu ma sarx mill-Awtorita' l-kontro-ezami gie sospiz.
A fol 324 permezz ta' nota tal-4 ta' Gunju 2025 l-Awtorita' pprezentat rendikont tal-pagament li nghata r-rikorrent fil-mori tad-differiment u li a fol 325 tali rendikont li huwa nghata Ewro 23,479.48c konsistenti f'arrears basic new salaries sm, arrears car allow, new salaries sm, arrears comm allow new salaries sm, arrears expense 21 new salaries sm, arrears perf bonus new salaries sm, arrrears resp allow new salaries sm u one time payment new salaries sm.

A fol 327 tkompla l-kontro-ezami tar-rikorrent u xehed li kkonferma li rcieva dan il-pagament. Huwa kellu xi hamsa u hamsin meta kien Senior Manager fid-driving and vehicles licensing unit li ma kienux kollha jirrispondu ghalih ghax kien hemm xi

Supervisors, dan kien bejn 2010 u 2014 u tahtu ezatt ma rrispondiex kemm kellu nies ghax kien hemm min jitlaq u mbaghad jigi replaced.

Huwa kien jirrispondi ghac-Chief Officer Conrad Pule. Huwa kien jahdem Sa Maison u Pule kien iqabdu jahdem fuq diversi progetti wkoll u kien jattendi laqghat il-Ministeru tat-Trasport fuq diversi progetti li kienu ghaddejjin qisu kien jirraprezenta l-Awtorita'. Sa Maison ma kellu hadd impjegati tahtu. Sa Maison beda jahdem fis-sena 2014 u dam hemm xi sentejn u wara s-Sur Piscopo c-Chairman ta' dak iz-zmien talbu biex imur ir-Roads biex jahdem fuq sistema ta' nformazzjoni ghax Piscopo lmenta mieghu li ma jistax ikun li jistenna tlieta / erba' gimghat ghall-informazzjoni kull darba li jitlob ir-roads jghidulu fuq tali progett u tali triq. Din l-informazzjoni kienet tkun dwar it-toroq li qed isiru dawk li hemm pjanati, dawk li hemm approvati, dawk li diga saru u hafna nformazzjoni teknika.

Meta mar ir-roads huwa ma rriplejsja lil hadd u dak ix-xoghol qablu ma kien jaghmlu hadd. Kien ghamel sistema li kull nhar ta' gimgha fl-erbgha kien jircievi rapport u kien ikun jaf b'kollox u dam hemmhek xi sentejn u kien stazzjonat Santa Venera u tahtu ma kellux nies u kien jahdem ma' diversi Periti, Field Officers u ufficcjali izda direttament ma kienu jirrispondu lil hadd. Wara r-roads mar fid-dipartiment dwar progetti tal-EU f'Hal Lija u hemmhekk dam xi sentejn jew tlieta. Nies tahtu ma kellux u kien jiehu hsieb l-aspett tal-finance tal-progetti u jiehu hsieb kollox igifieri ma ghandekx lil min jghinnek jew tqabbad lil xi hadd.
Meta kien ir-Roads huwa kien jirrispondi lil Simon Grima u Hal Lija lil Peter Paul Barbara.

Wara baghtet ghalih Mary Rose Pace il-Head tal-HR u Corporate Strategy u kienet qaltlu li riditu jmur jahdem fis-sezzjoni tal-port works u kien mar jahdem hemmhekk minn Hal Lija wkoll u tahtu ma kellu lil hadd u dam hemm sakemm irtira. Mistoqsi ghaliex ma talabx lill-Awtorita' ghal zidiet huwa wiegeb li ma kienx jaf li haddiehor qed jinghata zjiediet u ghalhekk ma setax jitlob dak li ma kienx jaf bih.

**A fol 220 xehed Joseph Bugeja li kien Chairman tal-Awtorita'** bejn id-9 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Mejju 2022 u li kien hemm anomalija bejn il-grad ta' Manager u dak ta' Senior Manager huwa talab meeting mas-Senior Managers kollha u kkonferma li ghandu l-anomalija u li kien ser jahdem fuqha. Li s-Senior Managers huma grad partikolari li jista' jkun hemm u zgur li kien hemm cirkustanzi fejn Senior Manager ikollu revizjoni minhabba l-kriterju ta' responsabilita' li jkolllu, l-area li jkun qed jahdem fuqha u li r-revizjoni ghalhekk ma tkunx across the board ta' Senior Managers kollha ghax mhemmx collective bargaining ghas-Senior Managers. Huwa ma setax jaghmel din ir-revizjoni across the board wahdu u kien jiddependi minn ta' fuqu.

Mistoqsi min kien jiddeciedi dwar il-mansjonijiet u r-reponsabilitajiet ta' Senior Manager partikolari huwa wiegeb li dan kien jiddecidihom l-istruttura tal-Awtorita' u xehed ukoll li ma jistax ikun specifiku.

In kontro-ezami Bugeja wiegeb li fil-kaz tar-rikorrent qatt hadd ma gie ghandu fil-grad ta' fuq Senior Manager per ezempju c-Chief Officer jghidlu li minhabba r-responsabilita' li zdiditlu jimmerita revizjoni tal-pakkett tieghu.

Mistoqsi dwar il-performance bonus ta' 13% li dejjem inghata r-rikorrenti, Bugeja wiegeb li c-Chief Officers kienu jaraw il-performance bonus tan-nies li jahdmu tahthom u c-Chief Officers kienu japprovawhom.

Bugeja jghid li r-rikorrent qatt ma kellmu fuq din il-problema u mistoqsi jikkonferma l-ittra li ntbaghtet lilu mir-rikorrent fl-20 t'Ottubru 2021 (fol 32), huwa wiegeb li ma jiftakariex u lanqas jiftakar li waslet ghandu izda jassumi li kienet indirizzata lilu.
**A fol 225 xehdet Mary Rose Pace Chief Officer Corporate Services Transport Malta** li a fol 230 tghid li hija bdiet f'din il-kariga f'Gunju 2020 u li ma kienetx involuta fil-ftehim kollettiv. A fol 225 hija pprezentat l-iskali tas-salarji ta' Senior Manager grades as at 26.8.2013 fol 156, a fol 157 kopja tal-fethim kollettiv mall-UHM ghas-snin 2016 sa 2020 li dahal fis-sehh l-ewwel ta' Jannar 2016 ghall-perjodu ta' hames snin; a fol 160 kopja tal-ftehim bejn Transport Malta u l-UHM re salary structure & benefits of Architects and Civili Engineers u a fol 163 il-ftehim kollettiv tal-general grades bejn l-Awtorita' ghat-Trasport u l-UHM tat-23 ta' Frar 2028. Hija tghid li r-rikorrent qatt ma kellimha fuq iz-zieda tal-paga tieghu.

**A fol 229 kompliet tixhed Mary Rose Pace** li prezentat l-iskali tas-salarji tas-Senior Manager grades ghas-snin 2010 sa 2021 stante li fis-seduta ohra li tinkludi lista ta' mpjegati minghajr ismijiet ta' dati li gew employment fil-grad ta' Senior Manager u mid-data tal-employment sas-sena 2020 is-salarji taghhom kif imxew. Fol 228. Hija spjegat li jekk tara l-ewwel kolonna 32,000 u spjegat li s-sena turi d-data li persuna bdiet fl-impjieg mall-Awtorita'.

Hija tikkonferma li meta sar il-ftehim kollettiv tas-sena 2018 li kien backdated mis-sena 2015 sa 2020 is-Senior Managers esprimew id-dizappunt taghhom ghax min kien Manager A ukoll dahlu jew lahqu l-iskala ta' Senior Managers u bdew jitolbu laqgha mall-mangement biex ikun jista' jsir rivediment tas-salarju taghhom.
Hija tghid li meta bdiet f'din il-kariga fis-sena 2020 ic-Chairman ta' dak iz-zmien ressqet il-proposta lil People and Standards Division biex isir revision tas-salarji tas-Senior Managers izda huma qatt ma rcevew risposta minghandhom u li bhalissa s-Senior Managers ghamlu talba ghax bhalissa qeghdin fil-process biex jigi ffirmat collective agreement iehor mall-Managers.

Huma regghu fis-sena 2023 ghamlu talba lil People and Standards Division u ricentement ircevew risposta minghandhom izda ma setghetx tghid x'kienet din ir-risposta. Izda tghid li din qed tigi diskussa mas-Senior Managers prezenti u li l-back dated increase se tapplika mill-1 ta' Jannar 2021 il-quddiem. Hija kkonfermat li jekk din il-proposta tghaddi tkun tapplika ghar-rikorrent ukoll ghax z-zjieda ha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021 u l-increments jiddecidihom is-CEO tal-Awtorita'.

Mistoqsija min jiddeciedi x'salary scale ser ikollu senior manager hija wiegbet li dan ikun skond il-kuntratt tax-xoghol izda generalment jibdew mil-qiegh u fil-kaz ta' persuna promoted minn gewwa l-pakkett taghha jkun diga ta' certu valur ghax ma jkunux jistghu jaghtuha pakkett anqas minn li tkun diga ghandha.

Mistoqsija minn dan it-Tribunal tafx ir-raguni ghaliex ir-rikorrent thallas anqas mis-Senior Managers l-ohra hija wiegbet li ma tafx. Hija taqbel mas-CEO meta xehed li c-Chief Officer li jidhirlu li dak is-Senior Manager li qed jaghmel certu xoghol ta' certu valur jaghmel proposta lis-CEO biex jinghata zjieda. Ir-responsabilitajiet tas-Senior Managers jinqasmu skond l-operat u l-bzonnijiet tal-Awtorita' fejn ghandha bzonn in-nies ovvjament taking into consideration il-hiliet tal-individwu u l-akkademici kollha u l-qualifications tal-individwu.

Hija kkonfermat li jekk wiehed jiehu transfer minn dipartiment ghal iehor iz-zieda li jkun ha timxi mieghu fid-dipartiment l-iehor. Hija kkonfermat li r-rikorrent kien eligibbli ghall-performance appraisal. Hija tghid li kemm ilha hija f'din il-kariga l-kwalifici wkoll jigu kunsidrati ghall-performance appraisal. Hija tghid li z-zjieda ma tinghatax fuq performance perot din tittiehed into consideration ukoll imma mhix il-fatti li jgieghel l-Awtorita' li jaghti zjieda.

Dwar zjiediet lir-rikorrent hija kienet involuta darba fid-diskussjonijiet mas-CEO u dan meta r-rikorrent kiteb lis-Sur Bugeja CEO ta' dak iz-zmien u offrielu increment ta' Ewro 1000 fis-sena u li jekk mhux sejra zball ghas-sena 2020 jew 2021. Hija tghid li l-increments generalment ikunu ta' Ewro 1000 jew Ewro 1500.

**A fol 238 kompliet tixhed Mary Rose Pace** li kkonfermat li l-proposta lill-People and Standards Division kienet tghid li s-salarju mit-2021 tas-Senior Managers jigi rivedut il-pakkett finanzjarju mis-sena 2021 u talbu wkoll numru ta' allowances u li hmistax ilu iltaqghu mall-istess Division u dawn tawh il-counter proposals taghhom li nfurmaw bihom lis-Senior Managers u s-Senior Managers gew bi proposta ohra li ghaddewha lil P&SD u qed jistennew minghandhom.

Dwar it-tabella a fol 228 hija spjegat li meta wiehed li beda fl-1 ta' Dicembru 2011 b'pakkett ta' Ewro 32,000 mistoqsija meta hadhom Ewro 33,535 hija wiegbet li ma kellhiex dettalji fuqha dwar dan.

Mistoqsija tispjega ghaliex minn fol 228 ghalkemm kollha fl-istess grad ta' Senior Manager, bdew b'paga differenti Pace wiegbet li in generali dan ghaliex hemm min jidhol minn barra u min jigi promoted minn gewwa u li kif spjegat min jigi promoted minn gewwa s-salarju li kellu ma jigix imnaqqas u l-iskala tieghu tibda mill-paga li kellu qabel gie promoted ghal Senior Manager. Pero' dwar dan peress li ma kellhiex l-ismijiet imnizzla a fol 228 obbligat ruhha li ticcekkja.

Mitluba tispjega xi kriterji jittiehdu biex xi hadd li qieghed f'dipartiment jiehu 35,000 u haddiehor fl-istess grad li qieghed f'dipartiment iehor jiehu 40,000 hija wiegbet li dan ikun skond in-natura tax-xoghol li jkun qed jinghata u skond il-unit li se jkun qed imexxi.  Ezempju li tat huwa jekk wiehed qed imexxi erba' messaggiera ghandu responsabbilita' mod u jekk wiehed qed imexxi l-merchant shipping ghandu responsabbilita' akbar. Pero' hija ziedet li mhux bilfors li persuna fil-merchant shipping ikollha paga aktar, izda kkonfermat li jekk ticcaqlaq ghal dipartiment iehor bl-istess paga.

Rigward persuna li fit-tabella a fol 228 tidher li fl-1 ta' Gunju 2023 beda mall-Awtorita' b'paga ta' Ewro 40,000 u s-sena l-ohra (2023) gie li ghandu paga Ewro 44,000 hija wiegbet li l-persuna kienet ga mpjegata tal-Awtorita' kienet Manager u l-pakkett ta' Manager A totali kwazi jidhol hafna gol-grade ta' Senior Manager u x'hin tghoddlu t-take home pay u qed jaqleb ghal Senior Manager ma jistax jinzel inqas mis-salarju li ga kellu.

Meta mitluba tispjega li minn fol 228 jirrizulta li xi hadd beda fis-27 ta' Frar 2023 b'Ewro 35,000 meta lahaq Senior Manager u skond l-istess fol 228 huwa tela' ghal Ewro 36,000 u ghal Ewro 37,000 bejn Frar 2023 u Novembru 2023, Pace wiegbet li jekk lahaq Senior Manager 2023 din ghandha kuntratt ta' tlett snin u fil-kuntratt ikun hemm imnizzel li jkollha increment ta' kull sena u li wisq probabbali dan kellu 'forty four u forty five'.

F'dan l-istadju fol 242 l-Avukat tal-Awtorita' Dr Chris Cilia li x-xhud qed tispjega li fil-grad ta' qabel Manager A ikollhom allowances li meta tilhaq Senior Manager titlifhom u li ghalhekk iz-zieda fil-paga tinghata biex taghmel tajjeb ghal dawk l-allowances ghax inkella tispicca x'hin titla' Senior Manager tigi jkollok take home pay inqas minn Manager A.

Meta x-xhud Mary Rose Pace giet mistoqsija ghalfejn ma jibdewx mill-paga ta' thirty seven u jibdew b'thirty five to make up for those allowances hija wiegbet li jibdew b'thirty five ghax dawk kienu l-pagi approvati mill-P&SD u l-paga mhux huma jiddeciedu kemm jibdew.

Pagna 246 sa 253 huma doppji ghax jinsabu diga' a fol 238 sa fol 245.

**A fol 256 kompliet tixhed Mary Rose Pace** li prezentat a fol 255 li spjegat li huma regghu rrivedew fol 222 ghax kien hemm xi anomaliji u ziedu kolonna fejn poggew id-data ta' meta persuna giet impjegata u d-data ta' meta giet appuntata u nkludew il-lista kollha tas-Senior Managers sal-perjodu li kien hemm ir-rikorrent fuq talba tal-istess rikorrent.

Hija spjegat li l-ewwel wiehed ghandu date of employment 1/12/2011 u d-date of employment hija 1/12/2011 tffiser li dahal Senior Manager igifieri li dahal Senior Manager mall-ewwel.

Mistoqsija fuq liema bazi nghatat zieda fil-paga ghal kull sena rigward l-ewwel persuna ndikata li dahal fl-1 ta' Dicembru 2011 a fol 255, hija wiegbet li normalment il-prassi kienet li ndividwu jinghata kuntratt ta' tlett snin u z-zidiet ta' dawk it-tlett snin ikunu fih. Fi zmien li serviet f'din il-kariga meta persuna jkun se jiskadilha l-kuntratt, normalment il-persuna tapprowcja d-dipartiment tar-rizorsi umani fejn jigbed l-attenzjoni li l-kuntratt tieghu jkun wasal biex jiskadi u jaraw il-performance appraisals taghha. Huma mbaghad iressqu t-talba lill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' biex japprova din iz-zjieda.

Hija spjegat li fit-tieni linja persuna giet appuntata fis-sena 2020 meta ga kellha grad iehor mall-Awtorita' u ghalhekk hemm imnizzel impjegat fil-11 ta' Mejju 2015 u appuntat Senior Manager fis-sena 2020 u li dik il-persuna bdiet b'paga ta' 40,000 u kkonfermat li qabel lahqet Senior Manager dik il-persuna kellha 40,000.
Hija tispjega li r-responsabilitajiet johorg mar-role meta tohrog sejha ghall-post partikolari maghha jkollha position description u dik il-position description jkollha dettaljat ir-responsabilitajiet li jkunu marbutin ma' dik ir-role.

Hija tghid li r-rikorrent mhux qieghed fil-lista a fol 255 ghax huwa kien telaq. Meta mistoqsija ghaliex dan meta r-rikorrent bejn il-11 u l-21 kien ghadu jahdem hemm u l-cut off date hija 21 meta ma baqax jahdem hemm, hija wiegbet li fil-lista a fol 255 huwa mhux qieghed. Hija pero' kkonfermat li l-lista a fol 255 apparti r-rikorrent hija l-lista kollha tas-Senior Managers saz-zmien li telaq ir-rikorrent.

Mistoqsija min ser jiehu hsieb jara hemmx bzonn issir zieda fil-paga jew review meta kuntratt definit isir indefinit, hija wiegbet li ma tistax tghid x'gara fil-kaz tar-rikorrent ghax hija ma kienetx ghadha hemm. Izda bhala procedura kkonfermat li l-increments kienu jinghataw tlett snin, tlett snin u li anke meta kuntratt definit jigi indefint, l-increments u s-salarju jinghataw ghal perjodu ta' tlett snin. Hija ma tafx ghaliex ir-rikorrent ma hax dawn l-increments u li dan ghaliex f'hafna mill-perjodu li huwa kien hemmhekk hija lanqas biss kienet tokkupa din il-kariga li ghandha bhalissa. Hija tghid li qabilha f'din il-kariga kien hemm Dr Jeanette Axisa.

Hija tghid li darba taf li r-rikorrent ilmenta meta baghat l-ittra li tinsab esebita lis-Sur Bugeja s-CEO u taf li Bugeja baghat ghalih u offrielu elf ewro. Hija tghid li kien hemm Senior Managers bhar-rikorrent li avvicinawh anzi li avvicinaw l-Ombudsman u l-Ombudsman kien avvicina lill-Awtorita' u r-rikorrent kien wiehed minnhom.

Hija spjegat li meta jiskadi kuntratt definit iz-zjiediet jibqghu skond l-addendums li jinghataw mall-kuntratt originali. Hija tghid li z-zjieda li nghataw llum baqghu telghin ghax ghadhom impjegati mall-Awtorita'.

**A fol 275 xehdet Dr Jeannette Axisa Chief Officer ma' Transport Malta,** li bejn Awissu 2013 sa Mejju 2019 hija kienet Corporate Services Director fil-Corporate Services Directorate li fih kien ukoll l-HR. Meta hija kienet HR u li hija kienet hemm meta r-rikorrent kien impjegat mall-Awtorita' u li maghha huwa qatt ma lmenta dwar zjidiet u wara ziedet ma niftakarx ejja nghid hekk u wara xehdet li qatt ma mar jilmenta maghha r-rikorrent.

**A fol 307 Claudine Miceli Senior Manager Human Resources mall-Awtorita'** xehdet li prezentat Dok CM1 fol 302 lista li turi z-zidiet li ha r-rikorrent kemm dam impjegat mall-Awtorita' bhala Senior Manager; u spjegat li Dok MRP6 li diga' prezentaw illum huwa Dok CM1 bl-ismijiet u a fol 303 hija prezentat il-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrent tat-30 ta' Settembru 2010.

A fol 314 Claudine Miceli Senior Manager Human Resources mall-Awtorita' permezz ta' affidavit iddikjarat li minn verifiki li saru mill-personal file tar-rikorrent jirrizulta li qatt ma kien hemm rakkomandazzjonijiet mis-Superjuri tieghu biex jinghata zieda fis-salarju tieghu.

A fol 326 fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2025 il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u tali li jaghmlu noti u li jitrattaw ulterjorment.

A fol 332 ir-rikorrent fin-nota tieghu jghid li fil-mori l-pagament li huwa ircieva mill-Awtorita' kien jirrigwarda l-paga anqas li kien qed jircievi minn dik ta' Manager u li ghalhekk il-kawza tikkoncerna biss id-diskrepanza bejn il-paga tar-rikorrent u dik ta' Senior Managers fi hdan l-Awtorita'.

Ir-rikorrent fin-nota u fit-trattazzjoni orali jispjega li t-talba tieghu ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' equal pay kienet maqsuma fi tnejn: l-ewwel wahda li Senior Managers kienu jithallsu anqas minn dawk ta' tahthom u t-tieni giet sorvolata ghax in the meantime kien sar pagament lir-rikorrent. Li l-Awtorita' naqset li tipprova li Senior Managers kellhom nies jahdmu tahthom, kif lanqas produciet ebda xhud li jghid li xoghol ir-rikorrenti kien ta' Skrivan.

L-Awtorita' tghid li huwa minnu li r-rikorrent kellu grad ta' Senior Manager pero' ma kienx jaghmel xoghol ta' Senior Manager. Li Senior Managers ma kienux jiffurmaw parti mill-collective agreement u li ghalhekk iz-zjiediet kienu jinghataw wara li ssir rakkomandazzjoni ghal zjieda lic-Chairman u lis-CEO u lir-rikorrent hadd ma rrakkomandah ghaz-zjieda.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-kwistjoni li ghandu quddiemu it-Tribunal hija jekk l-Awtorita' wetqitx diskriminazzjoni mar-rikorrent meta ma tatux performance bonus kull sena u meta l-performance bonus li tat lill-impjegati baqghet tghoddlu ghas-sena ta' wara oltre performance bonus gdid ghal dik is-sena sussegwenti. Ir-rikorrent qatt ma bbenifika minn performance bonus u li ghalhekk il-paga tieghu ma tirriflettix dawn iz-zjidiet.

Illi mill-provi jirrizulta dan li gej:

Illi l-gradi ta' Senior Managers ma kienux koperti bi ftehim kollettiv.
Illi l-kuntratt tax-xoghol tieghu fol 303 jirrizulta li huwa kien intitolat ghal "**performance bonus of up to 15% of the annal gross salary payable at the time based, amongst others, on agreed performance objectives and key performance indicators" (KPI's) (**sottolinear ta' dan it-Tribunal).

Illi r-rikorrent gie mpjegat mill-Awtorita' bhala Senior Manager b'kuntratt definit u li fit-22 ta' Jannar 2013 huwa gie nfurmat li l-kuntratt tieghu sar definit. Huwa ttermina l-impjieg minn mall-Awtorita' bhala Senior Manager fis-17 ta' Novembru 2021.

Ir-rikorrent kellu salarju ta' Ewro 34,000 meta beda f'Ottubru 2020 u meta spicca huwa kellu salarju ta' Ewro 36,440 u zjiediet li ha kienu tal-Cola biss.
Fl-affidavit tieghu a fol 57 et ir-rikorrent jghid li huwa kien impjegat b'kuntratt definit ta' 3 snin fi grad ta' Senior Manager Finanzi b'effett mill-4 t'Ottubru 2010; kien assenjat fid-Direttorat tat-Trasport tal-Art (LTD) u kien responsabbli mit-Taqsima tal-Licenzjar tas-Sewwieq u tal-Vetturi; li fit-22 ta' Jannar 2013 inghata status indefinit fl-istess kariga; fil-21 ta' Jannar 2014 sar Senior Manager Projects fi hdan LTD, fis-26 ta' Gunju 2015 ic-Chairman ta' dak iz-zmien is-Sur Piscopo talbu biex imur fid-Direttorat tat-Toroq u l-Infrastruttura (RID) sabiex jizviluppa u jzomm sistemi ta' nformazzjoni u rappurtar fl-RID , fis-sena 2018 gie assenjat fis-Sustainable Mobility Unit u fuq talba tieghu fit-18 ta' Settembru 2019 it-talba tieghu sabiex jestendi d-data tal-irtirar tieghu sal-eta ta' 65 sena giet accettata; li f'Jannar 2020 huwa gie assenjat fil-Corporate Services Directorate Port Workers Accounts Office u u matul dawn l-inkarigi huwa dejjem zamm l-istess salarju u l-istess allowances. Huwa jammetti li nies tahtu qatt ma kellu.

Illi mil-lista ta' Senior Managers li kellha l-Awtorita' fil-perjodu li dam jahdem maghha r-rikorrent a fol 302 jirrizulta dan li r-rikorrent ma ghandux ragun meta jghid li kien hemm 27 Senior Managers iehor fl-istess grad tieghu li gawdew minn salarju baziku oghla minn tar-rikorrent minkejja li hafna minnhom kienu mpjegati jew gew promossi bhala Senior Managers wara r-rikorrent u dan ghaliex it-tabella a fol 302 turi li fl-4 t'Ottubru 2010 meta beda xoghol ir-rikorrent, kien hemm kaz wiehed case 35 biss li gie mpjegat minn barra b'salarju ta' aktar minn Ewro 35,000 cioe' dak ta' Ewro 38,000 filwaqt li l-ohrajn li gew impjegati fl-istess sena kemm minn gewwa u minn barra hadd minnhom ma kellu salarju aktar minn dak tar-rikorrrent anzi case 30 u case 1 dahlu b'salarju anqas minn tieghu. Jirrizulta wkoll li mhux kollha hadu din iz-zjieda kull sena u hemm minnhom li certu snin haduhom u snin ohra hadu l-Cola biss; izda jirrizulta li kollha kellhom il-performance bonus li nghatalhom ma kienx wiehed ta' darba u kien jibqa' jigi akkumulat minn sena ghal sena. Dan anke ghaliex kif xehdet Mary Rose Pace z-zjidiet kienu jkunu bejn Ewro 1000 u Ewro 1500.

Illi dan jirrizulta mill-informazzjoni li tidher fl-istess tabella a fol 302.

Kemm l-impjegati li dahlu minn barra u kemm dawk li gew promossi mill-Awtorita', jirrizulta li kollha dahlu jahdmu bhala Senior Manager, hemm minnhom li nghataw performance bonus ghal kull sena, hemm ohrajn li nghataw performance bonus ghal certu snin u Cola ghal snin ohra bhal case 23, 25 u 35 u li r-rikorrent biss ma nghatax zjieda ohra ghajr il-Cola. Jirrizulta izda li dan il-bonus baqa' jinghata minn sena ghal ohra.

Ir-rikorrent jikkontendi li bejn is-sena 2015 u 2021 Senior Managers hadu diversi zjiedet liema zjiediet ma nghatawx lilu u li b'kollox jammontaw ghal Ewro 18,000. Mit-tabella a fol 302 dan ma jirrizultax li z-zjidiet f'dan il-perjodu kienu jammontaw ghal Ewro 18,000 kif lanqas jirrizulta li kollha hadu appraisal bonus kif jidher mit-tabella a fol 302.

Mary Rose Pace Kap Human Resources xehdet li bhala procedura l-increments kienu jinghataw għal perjodu ta' tlett snin. U li anke meta kuntratt definit jigi indefinit, l-increments u s-salarju jinghataw ghal perjodu ta' tlett snin. Hija ma tafx ghaliex ir-rikorrent ma hax dawn l-increments u li dan ghaliex f'hafna mill-perjodu li huwa kien hemmhekk hija lanqas biss kienet tokkupa din il-kariga li ghandha bhalissa. A fol 302 it-tabella tikkorobora dan u turi li l-increments kienu jinghataw kull tlett snin u li kull increment fis-sena ta' wara jitqies bhala zjieda fil-paga.

**<u>Performance Bonus</u>**

Issa dwar jekk il-performance appraisal ghandux bilfors iwassal ghal performance bonus, fil-kaz tar-rikorrent dan ma wassalx ghal performance bonus ghax l-Awtorita' qatt ma hasset li r-rikorrent huwa ntitolat ghal dan il-bonus.

Skond l-International Labour Organisation: **Performance appraisals** provide a structured way to assess an employee's job performance, which is then used to determine salary increases, bonuses, promotions, and other compensation-related decisions. (ILO – staff Regulations July 2023). Fi kliem iehor huwa mod kif isir rinegozjar parzjali tal kuntratt ta' xoghol.

Illi l -kuntratt tax-xoghol tieghu fol 303 jirrizulta li huwa kien intitolat ghal "**performance bonus of up to 15% of the annal gross salary payable at the time based, amongst others, on agreed performance objectives and key performance indicators" (KPI's).**

Kif jigi kalkulat il-performance bonus la l-Awtorita' qatt ma hadet inizjattiva u lanqas ir-rikorrent meta huwa kellu kull dritt li jitlob dan skond il-kuntratt tax-xoghol tieghu anke wkoll kif jirrikonixxi il-Performance Management Framework tal-ILO datat 8 t'Awissu 2018 meta jghid "Either party may initiate the performance discussion but the direct superior has the overall responsibility for ensuring that the dialogue takes place".

Illi meta r-rikorrent jghid li sar jaf b'dawn iz-zjidiet wara li telaq u l-ftit informazzjoni li kellu hija minn dak li sema' dan it-Tribunal jemmnu izda jqis ukoll li r-rikorrent kieku ha hsieb li jara l-kuntratt tax-xoghol tieghu kien kull sena jitlob lil ta' fuqu u jsaqsi dwar il-performance bonus.

Illi galdarba dan ma sarx u lanqas sar ebda qbil dwar il-performance objectives and key performance indicators anke ghax ir-rikorrent ma hax interess li jsir dan. Dan it-Tribunal ma jistax jistabilixxihom hu u li ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghall-performance bonus qed tigi michuda.

**<u>Zjieda fil-paga</u>**

Jonqos ghalhekk li dan it-Tribunal jikkunsidra l-ilment tar-rikorrent li huwa li galadarba dan l-awment ma kienx awment ta' sena ghall-performance tajba izda kien jibqa' jigi akkumulat minn sena ghal sena anke jekk ma jkunx hemm zjieda minhabba performance tajba, dan jammonta ghal diskriminazzjoni.

**Skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 452:** "trattamenti diskriminatorju" tfisser kull distinzjoni, eskluzjoni jew restrizzjoni li ma tkunx gustifikabbli f'socjetà demokratika inkluza diskriminazzjoni fuq il-bazi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, dizabilità, twemmin religjuz, opinjoni politika jew shubija fi trade union, jew f'assocjazzjoni ta' principali".

F'dan il-kaz m'hemmx xi diskriminazzjoni kontemplata f'din id-definizzjoni.

Pero' in generali jista' jirrizulta li hemm agir diskriminatorju jekk kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u inoltre ma jkunx hemm <u>bazi oggettiva u ragonevoli</u> ghal tali trattament differenti. F'dan il-kaz il-bazi oggettiva u ragonevoli kienet li r-rikorrent ma kellux nies jahdmu tahtu u li ma kellux xoghol ta' responsabilita' daqs kemm kellhom is-Senior Managers ohrajn.
In materia ta' diskriminazzjoni *l-**artikolu 26 tal-Kapitolu** **452*** tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li*:*

*"Ħadd ma jista'*

*(b) rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija.*

*Imbaghad huwa imfisser illi:*
*"Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, trattament diskriminatorju jinkludi:*
*(b) azzjonijiet li jgħoddu għal impjegat, termini ta' ħlasijiet jew kondizzjonijiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jgħoddu għal impjegat fl-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, abbażi ta' trattament diskriminatorju;*
*(ċ) azzjonijiet li bihom il-prinċipal xjentement jimmaniġġa x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestament ikun anqas favorevoli minn oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju."*

L-istess **Artikolu 27 (Kap. 452)**, jipprovdi:- "*Impjegati fl-istess klassi ta' impjieg ghandhom id-dritt <u>ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni</u> ghal xoghol ta' valur ugwali"*.
Fil-ligi m'hemmx definizzjoni tal-kliem "rata ta' rimunerazzjoni".

Il-Kap 452 jiddefinixxi l-kelma: "**paga**" tfisser "rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-Artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati mall-esekuzzjoni tax-xoghol jew mall-produzzjoni". L-artikolu 23 jirreferi ghal bonus statutorju.

U f'Artikolu 1 tal-Konvenzjoni numru 1000 tal-International Labour Organisation (1951) il-kelma **remuneration** tinkludi:- "*the ordinary, basic or minimum wage or salary and any additional emoluments whatsoever payable directly or indirectly, whether in cash or in kind, by the employer to the worker <u>and arising out of the worker's employment</u>*" (sottolinear ta' dan it-Tribunal).

**Illi l-Artikolu 27 tal-Kap 452** m'huwiex jindirizza tip ta' diskriminazzjoni partikolari, ezempju jekk l-impjegat hijiex mara jew ragel. Hu provvediment li jistabbilixxi regola generali li mpjegati li jaghmlu xoghol ta' valur ugwali "ghandhom id-dritt ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni".

Dan il-principju dwar il-parita' tat-trattament, fil-kawza Paul Borg vs APS Bank Limited deciza App Inf 26 ta' Marzu 2010, il-Qorti spjegat li sabiex ikun hemm ksur tal-principju tal-parita' ta' trattament irid jigi kunsidrat jekk kienx hemm impjegati fl-istess grad tar-rikorrent li gew trattati diversament mir-rikorrent ghal dak li jirrigwarda zieda fil-pakkett tieghu cioe' zieda fil-paga u zieda fil-bonus. "

Dan qed jinghad sabiex l-Awtorita' tifhem li galadarba l-grad huwa ta' Senior Manager ghal kull min imsemmi fil-lista a fol 302, l-argument taghha li r-rikorrent ma kienx jerfa' responsabilita' u lanqas kellu nies tahtu bhas-Senior Managers shabu, sakemm hija zammitu fl-istess grad u ma ressqet ebda prova li r-rikorrent mhux kapaci jerfa' l-istess responsabilitajiet daqs tas-Senior Managers shabu l-Awtorita' ma tistax tinghata ragun f'dan ir-rigward.

Pero' huwa minnu li z-zjieda permezz ta' performance appraisal tinghata lil min ikun l-aktar efficjenti fix-xoghol tieghu bhala premju ghal dan.

Izda bhal fil-kaz in dizamina meta l-performance appraisal ma tinghatax f'forma ta' bonus jew allowance bhala hlas ghal darba wahda biss u dan f'forma ta' incentiv ghal haddiem li jkun irsista iktar fuq il-post tax-xoghol f'sena partikolari, izda kien jinghata f'forma ta' zjieda permanenti fil-paga tieghu, ma hemmx dubju illi dan iwassal sabiex ghas-snin sussegwenti huwa ikun qieghed jircievi salarju iktar mill-kollegi tieghu ghal xi haga li ma jkunx qieghed iwettaq differenti minnhom billi dak l-appraisal ma jiswiex ghas-sena ta' wara meta allura isir apprezzament mill-gdid. Dan ifisser ghalhekk illi r-rikorrent ghandu ragun fl-ilment tieghu minnu mressaq li galadarba dan l-awment ma kienx awment ta' sena ghal performance tajba izda kien jibqa' jigi akkumulat minn sena ghal sena anke jekk ma jkunx hemm zjieda minhabba performance tajba, dan jammonta ghal diskriminazzjoni.

Kieku l-Awtorita' tifli l-collective agreements li gew prezentati f'dawn il-proceduri li saru bejnha u l-Unions fosthom dak li jinsab a fol 116 overleaf fejn hemm 'performance bonus' dan jghid car li jithallas is-sena ta' wara "thus covering the previous January to December period" (fol 16 overleaf) u l-istess il-ftehim l-iehor li jinsab a fol 157 fejn a fol 158 para 2.2.1 dwar performance bonus ukoll jghid li dan ikun "thus covering the previous January to December period".

Illi ghalhekk l-izball li qed taghmel l-Awtorita' ma jahtiex ghalih ir-rikorrent u li ghalhekk huwa ghandu jigi kkumpensat ghal dawk is-snin ta' meta l-performance bonus ta' shabu fl-istess grad issarraf fi zjieda fil-paga.

It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi li:

- L-Awtorita ghandha d-diskrezzjoni li taghti performance bonus lil min ikun haqqu;

- Li r-rikorrent qatt ma ghamel ebda lment dwar ghaliex huwa ma kienx qed jinghata l-performance bonus meta fil-kuntratt tax-xoghol tieghu huwa seta' jaghmel dan;
- L-Awtorita' meta tiddeciedi li tibqa' taghti din iz-zjieda li tkun tat bhala performance bonus minn sena ghal sena dan jammonta ghal zjieda fil-paga u ma tistax tiddiskrimina ma' mpjegati tal-istess grad;
Dan ifisser illi fejn tinghata performance appraisal bhala parti mis-salarju baziku ippercepiet mill-haddiema ta' l-istess klassi ghandha titqies illi hija diskriminatorju fit-termini ta' l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Li r-rikorrent ghalhekk ghandu dritt ghal dawn iz-zjidiet li ma nghatawx bhala performance bonus.

**Danni**

A fol 353 fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent jikkontendi li d-danni ghandhom jigu kalkulati mas-sitt Senior Managers ohra li bdew l-impjieg taghhom fis-sena 2011 jew kienu diga' mpjegati f'dak il-grad f'dik is-sena u kienu ghadhom impjegati mall-Awtorita' Ntimata fid-data meta l-impjieg tar-rikorrrent gie terminat. Huwa ndika cases 35, 24, 7, 31 u 33 bhala comparative indicators mar-rikorrent.

Ir-rikorrent wasal ghal figura ta' Ewro 63, 052 bhala danni kif gej:
Paga ta' Case 35 ghal perjodu ta' 10 snin sakemm irtira r-rikorrent differenza fid-dhul taghhom ta' Ewro 77,342;
Bejn ir-rikorrent u case 24, u case 15 differenza ta' Ewro 43,057 fuq medda ta' ghaxar snin;
Bejn ir-rikorrent u case 7 u r-rikorrent differenza ta' Ewro 52,929; u
Bejn ir-rikorrent u case 31 differenza ta' ewro 58,961; u
Bejn ir-rikorrent u case 33 differenza ta' ewro 56,507;
Ha l-medja li tammonta ghal ewro 55,309 u meta huwa kkalkula 14% tal-performance bonus tieghu dan iwassal ghal Ewro 7,743 u li ghalhekk huwa sofra total ta' Ewro 64,052.

Dwar dan it-Tribunal jirrileva dan li gej:

Case 35 l-ewwel performance bonus ta' Ewro 3000 ma ghandux jigi kunsidrat bhala zjieda fil-paga u li ghalhekk id-differenza fid-dhul taghhom hija ta' Ewro 74,342;
Case 24 u case 15, l-ewwel performance bonus ta' case 24 dak ta' Ewro 1000 ma ghandux jigi kunsidrat bhala zjieda fil-paga u li ghalhekk ghandu jigi mnaqqas u case 15 l-ewwel performance bonus ta' ewro 1500 ma ghandux jigi kunsidrat bhala zjieda fil-paga u li ghalhekk ghandu jigi mnaqqas li ghalhekk total ta' Ewro 2500 ghandhom jigu mnaqsa u d-differenza hija ghalhekk ta' Ewro 40,557;

Rigward case 7 l-ewwel performance bonus li ha kien fis-sena 2016, dak ta' Ewro 6835 (42,500- 35,665 ) u li ghalhekk dan ghandu jigi mnaqqas mid-differenza ta' Ewro 52,929 u li ghalhekk id-differenza ghandha tkun dik ta' Ewro 46,094;
Rigward case 31, l-ewwel performance bonus li ha kien fis-sena 2013 ta' Ewro 3000 u din is-somma ghandha titnaqqas mis-somma ta' 58,961 u li ghalhekk id-differenza hija ta' Ewro 55,961;
Rigward case 33, l-ewwel performance bonus li ha kien fis-sena 2013 ta' Ewro 3000 u li din is-somma ghandha titnaqqas mid-differenza ta' ewro 56,507 u li ghalhekk l-ammont rivedut huwa ta' Ewro 53,507;
Illi ghalhekk il-medja hija ta' Ewro 540,982.20c (total 270,461 medja ta' Ewro 54,092.20c) u li ghalhekk is-somma dovuta lir-rikorrent hija ta' Ewro 54,092.20c minghajr il-performance bonus ta' 14% li qed jippretendi r-rikorrent stante li l-performance bonus ma hux dritt awtomatiku la ghalih u lanqas ghall-ebda haddiem.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi:

a. Jilqa' l-ewwel talba limitatament ghal zjiediet fil-paga u mhux ghar-remuneration bonus;
b. Jilqa' t-tieni talba;
c. It-tielet talba giet sorvolata fil-mori meta thallas din id-differenza fil-paga;
d. Jilqa' r-raba talba u jiddikjara li dan il-kumpens huwa ta' Ewro 54,092.20c
e. Jilqa' in parte l-hames talba stante li l-paga li nghataw impjegati fi grad anqas giet sorvolata fil-mori u r-rikorrent thallas ta' din id-differenza fil-paga fil-mori.
f. Jilqa' s-sitt talba u jordna lill-Awtorita' Ntimata sabiex thallas lir-rikorrent s-somma ta' Ewro 54,092.20c.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(Iffirmat)
**Dr Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Għas-Segretarju**